Nru./No. 19,154
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru, 2013
Friday, 18th October, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 11,595 - 11,616
Government Notices ..... *11,595 - 11,616*

Avviż tal-Pulizija 11,616
Police Notice *11,616*

Avviż lill-Baħħara ..... 11,616 - 11,617
Notice to Mariners ..... *11,616 - 11,617*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 11,617 - 11,637
Employment Opportunities ..... *11,617 - 11,637*

Avviżi tal-Gvern ..... 11,637 - 11,639
Notices ..... *11,637 - 11,639*

Offerti ..... 11,640 - 11,677
Tenders ..... *11,640 - 11,677*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,677 - 11,694
Court Notices ..... *11,677 - 11,694*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 995

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

SKONT l-artikolu 35 (2) tal-Att dwar l-Ambjent u Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sinjura Elizabeth Ellul illi bħalissa tokkupa l-pożizzjoni ta' Membru fil-Kummissjoni dwar l-Ippjanar tal-Ambjent, bħala *Chairperson* tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Din il-ħatra hija fuq bażi *full-time* b'seħħ mis-17 ta' Ottubru, 2013 sakemm jispiċċa t-terminu tal-bord eżistenti jew sakemm mgħarrfa mod ieħor.

It-18 ta' Ottubru, 2013

Nru. 996

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

NGĦARRFU b'din illi, skont l-artikolu 21 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), il-Prim Ministru għoġbu japprova l-ħatra tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità għal perijodu ta' sentejn b'seħħ mid-9 ta' Ottubru 2013, kif jidher hawn taħt:

Chairperson
Is-Sur Joe Camilleri

Viċi Chairperson
Is-Sur Oliver Scicluna

Membri
Is-Sinjura Sarah Agius
Il-Prof. Marie Alexander
Is-Sinjura Amy Joan Camilleri Zahra
Is-Sur Michael Cohen
Is-Sinjura Marianne Farrugia
Dott. Francis Galea
Is-Sur Ronald Galea
Is-Sur Philip Grech
Is-Sur Peter Grima
Is-Sinjura Melanie Magri
Ir-Rev. Dun Martin Micallef
Is-Sinjura Marthese Mugliette
Is-Sinjura Diane Sladden
Is-Sur Anthony Zammit Cutajar

It-18 ta' Ottubru, 2013

GOVERNMENT NOTICES

No. 995

ENVIRONMENT AND PLANNING ACT (CAP. 504)

Environment and Planning Commission

IN terms of article 35 (2) of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister has approved the appointment of Ms Elizabeth Ellul who currently occupies the post of Member of the Environment and Planning Commission, as Chairperson of the Environment and Planning Commission at the Malta Environment and Planning Authority.

The appointment is on full-time basis with effect from the 17th October 2013 until the termination period of the present board or until otherwise instructed.

18th October, 2013

No. 996

NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY

IT is hereby notified that, in terms of article 21 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) the Prime Minister has approved the appointment of the National Commission Persons with Disability for a period of two years with effect from the 9th October 2013, as shown hereunder:

Chairperson
Mr Joe Camilleri

Deputy Chairperson
Mr Oliver Scicluna

Members
Ms Sarah Agius
Prof. Marie Alexander
Ms Amy Joan Camilleri Zahra
Mr Michael Cohen
Ms Marianne Farrugia
Dr Francis Galea
Mr Ronald Galea
Mr Philip Grech
Mr Peter Grima
Ms Melanie Magri
Rev Fr Martin Micallef
Ms Marthese Mugliette
Ms Diane Sladden
Mr Anthony Zammit Cutajar

18th October, 2013

Nru. 997

ATT DWAR KUNSILL LOKALI
(KAP. 363)

Bord tal-Appell

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bir-Regolament 10 tar-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali (Avviż Legali 255 tal-2009, kif emendat bl-Avviż Legali 416 tal-2011 - L.S. 363.03) u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru tat-Turiżmu approva l-ħatra tal-membri ta' dan il-bord, għal perjodu ta' tliet snin, b'seħħ mill-25 ta' Ġunju 2013, kif ġej:

Chairperson
Dott. Stefano Filletti

Chairperson sostitut
Dott. Charmaine Cherret

Membri
Dott. Joe Gatt
Is-Sur Franco Farrugia

Membri Sostituti
Is-Sur Anġlu Zahra
Is-Sa Tanya Formosa

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 997

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Appeals Board

IT is notified that in exercise of the powers conferred by Regulation 10 of the Local Councils (Tendering) Regulations (Legal Notice 255 of 2009 and as amended by Legal Notice 416 of 2001 - L.S. 363.03) and for the purpose of that Act, the Minister for Tourism has approved the appointment of the members of this board, for a period of three years, with effect from the 25th June, 2013, as follows:

Chairperson
Dr Stefano Filletti

Substitute Chairperson
Dr Charmaine Cherret

Members
Dr Joe Gatt
Mr Franco Farrugia

Substitute Members
Mr Anġlu Zahra
Ms Tanya Formosa

18th October, 2013

Nru. 998

ATT DWAR KUNSILL LOKALI
(KAP. 363)

Bord ta' Governanza Lokali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar il-Bord ta' Governanza Lokali (Avviż Legali 63 tal-2010), maħruġ bis-saħħa tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Ministru tat-Turiżmu approva l-ħatra tal-membri ta' dan il-bord, għal perjodu ta' tliet snin, b'seħħ mill-25 ta' Ġunju 2013, kif ġej:

Chairperson
Dott. Joe Mifsud

Membri
Is-Sur Arthur Ellul
Is-Sur Ronnie Pellegrini

Membri Sostitut
Is-Sur Ivan Buttigieg

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 998

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Local Governance Board

IT is notified that in exercise of the powers conferred by Regulation 3 of the Local Governance Board Regulations (Legal Notice 63 of 2010), issued in terms of the Local Councils Act (Cap. 363), the Minister for Tourism has approved the appointment of the members of this board, for a period of three years, with effect from the 25th June, 2013, as follows:

Chairperson
Dr. Joe Mifsud

Members
Mr Arthur Ellul
Mr Ronnie Pellegrini

Substitute Members
Mr Ivan Buttigieg

18th October, 2013

Nru. 999

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Kumitat dwar is-Sistema ta' Infurzar Lokali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bir-Regolament 3 (1) tar-Regolamenti dwar il-Kumitat dwar is-Sistema ta' Infurzar Lokali (Avviż Legali 237 tal-2006, kif emendat bl-Att XV tal-2009 u l-Avviż Legali 176 tal-2010 - L.S. 291.06), maħruġ bis-saħħa tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291) il-Ministru tat-Turiżmu approva l-ħatra tal-membri ta' dan il-bord, għal perjodu ta' tliet snin, b'seħħ mill-25 ta' Ġunju 2013 , kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Pius Camilleri

Membri
Dott. Joanne Vella Cuschieri
Is-Sur Joseph Scerri
Is-Sur Glen Gatt
Is-Sa Katia Cachia

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 999

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT (CAP. 291)

Local Enforcement System Committee

IT is notified that in exercise of the powers conferred by Regulation 3 of the Local Enforcement System Committee Regulations (Legal Notice 237 of 2006 and as amended by Act XV of 2009 and Legal Notice 176 of 2010 - L.S. 291.06) and for the purpose of the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Minister for Tourism has approved the appointment of the members of this board, for a period of three years, with effect from the 25th June, 2013, as follows:

Chairperson
Mr Pius Camilleri

Members
Dr. Joanne Vella Cuschieri
Mr Joseph Scerri
Mr Glen Gatt
Ms Katia Cachia

18th October, 2013

Nru. 1000

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Bord tad-Dixxiplina

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bir-Regolament 4 (e) tar-Regolamenti dwar il-Kumitat dwar is-Sistema ta' Infurzar Lokali (Avviż Legali 237 tal-2006, kif emendat bl-Avviż Legal lil 176 tal-2010 - L.S. 291.06), il-Ministru tat-Turiżmu approva l-ħatra tal-membri ta' dan il-bord, għal perjodu ta' tliet snin, b'seħħ mill-25 ta' Ġunju 2013, kif ġej:

Chairperson
Dott. Annalise Micallef

Membri
Is-Sur Teddie Busuttil
Is-Sa Vicky Brogan
Is-Sur Charles Cassar

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1000

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT (CAP. 291)

Disciplinary Board

IT is notified that in exercise of the powers conferred by Regulation 4 (e) of the Local Enforcement System Committee Regulations (Legal Notice 237 of 2006 and as amended by Legal Notice 176 of 2010 - L.S. 291.06), the Minister for Tourism has approved the appointment of the members of this board, for a period of three years, with effect from the 25th June, 2013, as follows:

Chairperson
Dr Annalise Micallef

Members
Mr Teddie Busuttil
Ms Vicky Brogan
Mr Charles Cassar

18th October, 2013

Nru. 1001

BORD GĦALL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għas-Saħħa approva li l-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, nominat skont Artikolu 10(1)(a) tar-Regolamenti dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni tal-2003 ikun kostitwit kif ġej għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mid-9 ta' Ottubru, 2013:-

Chairperson Eżekuttiv
Is-Sur Paul Brejza

Memberi
Is-Sur Joe Cremona
Is-Sa Nadine Mercieca
Is-Sur Clive Tonna
Enġ Albert Tabone

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1001

RADIATION PROTECTION BOARD

IT is notified for general information that the Ministry for Health approved that the Radiation Protection Board appointed in terms of Article 10(1)(a) of the Nuclear Safety and Radiation Protection Regulation 2003 be constituted for three years with effect from 9th October, 2013:-

Executive Chairperson
Mr Paul Brejza

Members
Mr Joe Cremona
Ms Nadine Mercieca
Mr Clive Tonna
Eng. Albert Tabone

18th October, 2013

Nru. 1002

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)

Ħatra ta' Membri Ġodda fuq il-Bord għall-Adozzjoni

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għoġobha tagħmel dawn il-ħatriet kif ġej fuq il-Bord għall-Adozzjoni:

Membri
Dott. Adrian Camilleri, B.A.(Legal Humanistic Studies), LL.D.
Dott. Dione Mifsud, B.Ed.(Hons.), Dip. Sch. Couns., Dip. Gest.Psych. (G.P.T.I.M.), M.Sc.(Bristol), E.C.P., Ed.D.(Bristol)
Dott. Francis Fenech, M.D.

Il-persuni hawn taħt imsemmija m'għadhomx membri fuq l-Bord għall-Adozzjoni:

Dott. Ruth Farrugia
Ms Connie Griffiths Bianchi

Dawn il-ħatriet huma b'seħħ mis-7 ta' Ottubru, 2013 u jibqgħu fis-seħħ sat-23 ta' Mejju, 2015

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1002

ADOPTION ADMINISTRATION ACT (CAP. 495)

Appointment of New Members on the Adoption Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by article 3 of the Adoption Administration Act, and for the purposes of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has made the following appointments on the Adoption Board:

Members
Dr Adrian Camilleri, B.A.(Legal Humanistic Studies), LL.D.
Dr Dione Mifsud, B.Ed.(Hons.), Dip. Sch. Couns., Dip. Gest.Psych. (G.P.T.I.M.), M.Sc.(Bristol), E.C.P., Ed.D.(Bristol)
Dr Francis Fenech, M.D.

The persons listed below are no longer members of the Adoption Board:

Dr Ruth Farrugia
Ms Connie Griffiths Bianchi

These appointments are valid from 7th October, 2013 and remain valid up to 23rd May, 2015.

18th October, 2013

Nru. 1003

MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Ħatra tal-Bord tal-Politika Lingwistika għall-Edukazzjoni – Kumitat Permanenti Konġunt

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol approva l-ħatra tal-Bord tal-Politika Lingwistika għall-Edukazzjoni - Kumitat Permanenti Konġunt, għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mid-9 ta' Lulju 2013, kif ġej:

Chairperson
Prof. Charles Mifsud

Viċi Chairperson
Is-Sur David Muscat

Membri
Is-Sa Elizabeth A. Pisani
Il-Kav. Ray Cassar
Is-Sa Melanie Vella-Sammut
Is-Sur Joseph Fenech
Dott. Christine Firman
Dott. Anthony Licari
Is-Sur John Degiorgio
Is-Sur Joseph Cachia
Prof. Helen Grech
Dott. Bernard Micallef
Is-Sa Anita Seguna
Is-Sa Sonia Zammit
Prof. Ivan Callus

Segretarja tal-Bord
Is-Sa Sharon Mifsud

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 685 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,114 hija b'din imħassra.

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1003

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Appointment of the Language Policy in Education – Joint Standing Committee

IT is hereby notified for general information that the Minister for Education and Employment has approved the appointment of the Language Policy in Education – Joint Standing Committee, for a period of three years with effect from the 9th July 2013, as follows:

Chairperson
Prof. Charles Mifsud

Deputy Chairperson
Mr David Muscat

Members
Ms Elizabeth A. Pisani
Chev. Ray Cassar
Ms Melanie Vella-Sammut
Mr Joseph Fenech
Dr Christine Firman
Dr Anthony Licari
Mr John Degiorgio
Mr Joseph Cachia
Prof. Helen Grech
Dr Bernard Micallef
Ms Anita Seguna
Ms Sonia Zammit
Prof. Ivan Callus

Board Secretary
Ms Sharon Mifsud

Government Notice No. 685 published in Government Gazette No. 19,114 is hereby cancelled.

18th October, 2013

Nru. 1004

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR, QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI ĊIVILI (MALTA)

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:-

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Dr Joseph Sacco	Direttur/Reġistratur Qrati Civili u Tribunali Ċivili *Director/Registrar* *Civil Courts and Civil Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja (Malta) *Courts of Justice* *(Malta)*	23.10 – 24.10.2013

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1004

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/REGISTRAR, CIVIL COURTS AND CIVIL TRIBUNALS (MALTA)

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:-

18th October, 2013

Nru. 1005

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR, QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI ĊIVILI (GĦAWDEX)

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:-

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Dr Joseph Sacco	Direttur Ġenerali u Reġistratur *Director General and Registrar*	Qrati u Tribunali (Għawdex) *Courts and Tribunals (Gozo)*	23.10 – 24.10.2013

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1005

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/REGISTRAR, CIVIL COURTS AND CIVIL TRIBUNALS (GOZO)

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:-

18th October, 2013

Nru. 1006

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Avviż skont l-Artikolu 29

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxi Interni) b'dan javża lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i magħmula fuqhom.

Adam Mohammed Abdi	Nru ta' Ref 664306225
Abraham Bezzina	Nru tal-ID 248260M
Anthony Cilia	Nru tal-ID 333365M
Anthony Vassallo	Nru tal-ID 314959M
Benigno Desira	Nru tal-ID 17871M
Christopher Bonello	Nru tal-ID 225171M
Claudio Bugeja	Nru tal-ID 464882M
Conrad Bonett	Nru tal-ID 102474M
GKD Trading (Import) Ltd (C 35939)	Nru ta' Ref 993792424
Il-werrieta ta' Garry Said	Nru tal-ID 490185M
Ian Camilleri	Nru tal-ID 85069M
Jason Sammut	Nru tal-ID 478074M
Joseph Deguara	Nru tal-ID 397972M
Joseph Tabone	Nru tal-ID 252869M
Karen Azzopardi	Nru tal-ID 264069M
Mario Grixti	Nru tal-ID 204864M
Mark Causon	Nru tal-ID 734062M
Michael Tabone	Nru tal-ID 255664M
Noel Falzon	Nru tal-ID 87362M
Raymond Bezzina	Nru tal-ID 737262M
Sabrina Schembri	Nru tal-ID 286482M
T & TMC Limited (C 51193)	Nru ta' Ref 995280403
Veronica Gauci	Nru tal-ID 312162M
Warren Cremona	Nru tal-ID 239272M
Wentao Hou	Nru ta' Ref 664471632

It-18 ta' Ottubru, 2013

No. 1006

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372)

Notice in terms of Article 29

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Director General (Inland Revenue Department) hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notice/s made on such persons.

Adam Mohammed Abdi	IT No 664306225
Abraham Bezzina	ID No 248260M
Anthony Cilia	ID No 333365M
Anthony Vassallo	ID No 314959M
Benigno Desira	ID No 17871M
Christopher Bonello	ID No 225171M
Claudio Bugeja	ID No 464882M
Conrad Bonett	ID No 102474M
GKD Trading (Import) Ltd (C 35939)	IT No 993792424
Heirs of Garry Said	ID No 490185M
Ian Camilleri	ID No 85069M
Jason Sammut	ID No 478074M
Joseph Deguara	ID No 397972M
Joseph Tabone	ID No 252869M
Karen Azzopardi	ID No 264069M
Mario Grixti	ID No 204864M
Mark Causon	ID No 734062M
Michael Tabone	ID No 255664M
Noel Falzon	ID No 87362M
Raymond Bezzina	ID No 737262M
Sabrina Schembri	ID No 286482M
T & TMC Limited (C 51193)	IT No 995280403
Veronica Gauci	ID No 312162M
Warren Cremona	ID No 239272M
Wentao Hou	IT No 664471632

18th October, 2013

Nru. 1007

PROSPETT

ĦRUĠ TA' VALUR NOMINALI FLIMKIEN TA' EURO 120,000,000 *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA Soġġett għal dritt li jiżdied b'ammont ta' EURO 60,000,000 fil-każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont ta' *Stock* offrut

Awtorizzat skont l-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Kap. 526) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

1. ĦRUĠ TA' *STOCK*

L-*Accountant General* qiegħed joffri valur nominali flimkien ta' €120,000,000 ta' *Stock* tal-Gvern ta' Malta li qiegħed jiġi offrut f'xi wieħed jew aktar mill-i*Stocks* imsemmija hawn taħt:

(i) 3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) *Fungibility Issue*, u

(ii) 4.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (I).

2. APPLIKAZZJONIJIET

a) Applikazzjonijiet jiftħu it-Tnejn, it-28 ta' Ottubru, 2013 fit-8.30 a.m. u jagħlqu fil-ħinijiet u d-dati kif jidher hawn taħt, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-*Accountant General:*

(i) fil-5.00 p.m. tal-Erbgħa, it-30 ta' Ottubru, 2013 għall-applikazzjonijiet minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien li ma jeċċedux €100,000 kull persuna, u

(ii) f'nofsinhar tat-Tnejn, l-4 ta' Novembru, 2013 għall-applikazzjonijiet li jkunu magħmulin f'offerti b'irkant taħt paragrafi 2(e) u 2(f).

b) L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' €100 fuq il-formola preskritta.

ċ) Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn fuq il-*website* tat-Teżor (www.treasury.gov.mt) jew jinkisbu minn, u jiġu depożitati għand il-Membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati.

d) Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux €100,000 kull persuna f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament, ikunu bil-prezz li jiġi stabbilit għal kull *Stock*. Il-prezz għal kull *Stock* jiġi notifikat lill-Borża ta' Malta u jiġi ppubblikat fil-

No. 1007

PROSPECTUS

ISSUE OF AN AGGREGATE OF EURO 120,000,000 MALTA GOVERNMENT STOCKS Subject to an Over-Allotment Option of EURO 60,000,000 in the event of over-subscription

Authorised under the Budget Measures Implementation Act (Cap. 526) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. ISSUANCE OF STOCK

The Accountant General is offering an aggregate €120,000,000 of Malta Government Stocks which are being offered and made available in any one or any combination of the following Stocks:

(i) 3% Malta Government Stock 2019 (III) Fungibility Issue, and

(ii) 4.65% Malta Government Stock 2032 (I).

2. APPLICATIONS

a) Applications open at 8.30 a.m. on Monday 28th October, 2013 and close on the time and dates as hereunder, or earlier at the discretion of the Accountant General:

(i) at 5.00 p.m. on Wednesday 30th October, 2013 for applications by any single and/or joint applicants which in the aggregate do not exceed €100,000 per person, and

(ii) at noon on Monday 4th November, 2013 for applications in the form of sealed bids (auction) under paragraphs 2(e) and 2(f).

b) All applications are to be made in multiples of €100 on the prescribed form.

c) Application forms may be downloaded from Treasury's website (www.treasury.gov.mt) or obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange and other authorised Investment Service Providers.

d) Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed €100,000 per person in any or each of the two Stocks, shall be at a price to be established for each Stock. Such Offer Price for each Stock will be announced to the Malta Stock Exchange and

gazzetti lokali tlett (3) ijiem qabel jiftħu l-applikazzjonijiet. L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu €100,000, imma ma jeċċedux il-€500,000 f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament, ikunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' €100,100 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu €500,000 f'wieħed jew f'kull wieħed mill-i*Stocks* separatament, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' €500,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

g) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, Il-Furjana jew jintbagħtu fuq fax 2596 7210 jew permezz ta' *e-mail* fl-indirizzi indikati fuq il-formoli tal-applikazzjoni.

h) Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

i) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem '*Nominee a/c'* u/jew *'Clients a/c'* jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bin-numru tal-karta tal-identità, jew fil-każ ta' korp ġuridiku, in-numru ta' identità relevanti tal-klijenti rispettivi tagħhom. L-ammont li japplikaw għalih persuna waħda u/jew żewġ persuni jew aktar flimkien li jissottomettu applikazzjoni, taħt *'Nominee a/c'* u/jew '*Clients a/c'* ma jistgħux jeċċedu €100,000 kull persuna f'wieħed jew f'kull wieħed miż-żewġ *Stocks*.

j) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

3. FAĊILITAJIET TA' *CLEARING*

a) ***MaltaClear***

Clearing u konklużjoni ta' operazzjonijiet fl-i*Stocks* tal-Gvern ta' Malta negozjati fuq il-*Malta Stock Exchange Trading System* isiru permezz tal-*MaltaClear* skont Kapitolu 7 tal-*Bye-Laws* tal-Borża ta' Malta.

b) ***Clearing* (*FOP*) Permezz tal-*Clearstream – MSE Access Link***

(i) Applikanti taħt paragrafi 2 (e) u (f) msemmija aktar 'il fuq jistgħu jagħmlu użu mill-faċilità ta' *clearing* '*Free of*

published in daily local newspapers three (3) days prior to opening of the applications. Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e) Applications by any single applicant, which in the aggregate are over €100,000, but do not exceed €500,000 in any or each of the two Stocks, shall be in the form of sealed bids for a minimum of €100,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f) Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed €500,000 in any or each of the two Stocks, shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of €500,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g) Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box - Floriana or transmitted by fax on 2596 7210 or by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application forms.

h) Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by a list showing the identity card number, or in case of a body corporate, the relevant identification number of their respective clients. The amount applied for by any single person, and/or two or more persons as joint applicants, listed under the 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c'must not exceed €100,000 per person in any or each of the two Stocks.

j) All applications will be irrevocable after closing time.

3. CLEARING FACILITIES

a) **MaltaClear**

Clearing and settlement of transactions in Malta Government Stocks traded on the Malta Stock Exchange Trading System are effected through MaltaClear in accordance with Chapter 7 of the Malta Stock Exchange Bye-Laws.

b) **Clearing (FOP) through Clearstream – MSE Access Link**

(i) Applicants under paragraphs 2 (e) and (f) above, may also avail of free-of-payment (FOP) clearing facility

Payment' (*FOP*) permezz tal-*Malta Stock Exchange plc (MSE) – Clearstream Banking AG – Frankfurt (CBF) Access Link***,** direttament bħala klijenti ta' CBF jew *Clearstream Banking SA, Luxembourg* (CBL) jew indirettament billi jkunu jistgħu jagħmlu '*clearing*' permezz ta' CBF/CBL via Depożitarju Ċentrali tat-Titoli ieħor jew Depożitarji Ċentrali Internazzjonali ('CS/ICSD oħra') magħquda ma' CBF/CBL.

(ii) Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jkun ħallas (*settled subscriber*) li jiżgura li jintbagħat fil-ħin dovut messaġġ rilevanti "*Receive Free*" skont il-format mitlub mis-*Society of Worldwide Interbank Financial Telecommunication* (SWIFT) sabiex l-i*Stocks* li ġew sottoskritti jitwasslu. Fejn għal xi raġuni, il-konsenja (FOP) fuq l-MSE-CBF Link tal-i*Stocks* tal-Gvern ta' Malta li ġew allokati tfalli jew tibqa' pendenti għal perjodu ta' żmien li jiġi stabbilit fid-diskrezzjoni tal-MSE, l-istess *Stocks* jistgħu jiġu ttrasferiti '*off-market*', favur '*Securities Account'* li jinfetaħ f'isem l-applikant li jkun ħallas mingħajr ebda spiża oħra għal daqshekk, fid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli, magħruf ukoll bħala *Central Securities Depository* (CSD) sakemm is-CSD jirċievi aktar istruzzjonijiet awtentikati. L-*International Bank Account Number* (IBAN) li jkun gie pprovdut jintuża għall-ħlas ta' xi interessi jew ħlasijiet oħra li jistgħu jkunu sussegwentement dovuti lill-applikant li jkun ħallas matul dak il-perjodu ta' żmien li l-i*Stocks* jibqgħu miżmuma fil-kont imsemmi tas-CSD, fir-'*record date*' rilevanti.

4. POLICY DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*

L-allokazzjoni tal-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-offerti b'irkant jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru bil-prezz stabbilit għal €100 nominali jkunu ġew eżawriti.

b) F'każ li d-domanda tkun aktar mis-somma oriġinali ta' Stock offrut, it-Teżor jirriserva d-dritt li:

(i) jeżerċita l-għażla ta' ħruġ ta' aktar *stocks* skont kif jidher f'paragrafu (5); u

(ii) l-ewwel jilqa' u jalloka l-applikazzjonijiet magħmula mill-applikanti li jaqgħu taħt paragrafu (2) (d).

ċ) Fil-każ li minkejja li jiġi eżerċitat id-dritt li jiżdied l-i*stock* u xorta jibqa' applikazzjonijiet li ma jistgħux jintlaqgħu, it-Teżor inaqqas mill-valur tal-applikazzjonijiet kif jidhirlu xieraq.

d) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata għal kull *Stock* minn aktar minn applikant wieħed issir b'mod proporzjonat skont l-ammont tal-offerti għal kull *Stock* rispettiv. L-ammonti ta' kull *Stock* li jiġu allokati lill-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom kienet magħmula f'offerti b'irkant, jiġu mgħarrfa sagħtejn wara immedjatament il-ħin tal-għeluq tal-offerti b'irkant.

provided through the Malta Stock Exchange plc (MSE) – Clearstream Banking AG – Frankfurt (CBF) **Access Link** as direct customers of CBF or Clearstream Banking SA, Luxembourg (CBL), or indirectly by being capable of clearing through CBF/CBL via another central securities depository or international central securities depository ('other CS/ICSD') linked to CBF/CBL.

(ii) It is the settled subscriber's responsibility to ensure that a relevant Receive Free message for free receipt of the subscribed Stocks is raised in due time in the appropraite format of the Society of Worldwide Interbank Financial Telecommunication (SWIFT). Where for any reason, the FOP delivery over the MSE-CBF Link of the allotted Malta Government Stocks fails or remains outstanding for a period of time set at the MSE's discretion, the same Stocks may be transferred off-market, in favour of a securities account opened in the name of the settled subscriber, without charge at the MSE's Central Securities Depository (hereinafter the CSD), until the CSD receives further authenticated instructions. The supplied International Bank Account Number (IBAN) will be availed for the payment of any interests or other payments that may subsequently become due to the settled subscriber during such time that the Stocks remain credited in the said CSD account, on the relevant record date.

4. ALLOTMENT POLICY OF STOCK

Allocation of Stock will be made in the following order:

a) applications by auction will be considered after applications at the Offer Price per €100 nominal are exhausted.

b) In the event that the original sum on issue is over-subscribed, the Treasury reserves the right to:

(i) exercise the over-allotment option at paragraph (5) by issuing further stocks; and

(ii) first allocate and satisfy the applications to applicants falling under paragraph (2) (d).

c) In case that notwithstanding the exercise of the over-allotment option there still remains applications which are unsatisfied, then the Treasury will scale down applications as deemed appropriate.

d) Bids at the last rate accepted for each Stock by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids for each respective Stock. The allotment results of each Stock to applicants whose applications are in the form of sealed bids (auction) will be determined and announced within two hours immediately after the closing time of applications by auction.

e) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skont l-aħħar rata aċċettata.

5. DRITT LI JIŻDIED L-I*STOCK*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' €60,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont tas-somma li għandha tingħabar.

Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet li ma jiġux allokati għal kollox, isir qabel il-ħruġ tal-Avviż tar-Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni għal ħlas tal-imgħax.

6. *UNDERISSUANCE*

L-*Accountant General* iżomm id-dritt li jaċċetta offerti għall-ammont sħiħ jew parti minnhom u li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha għal kull raġuni li jidhirlu xierqa minkejja li l-ammont li jittieħed ikun anqas mill-ammont tal-ħruġ tal-i*Stocks*.

7. ĦLAS TA' DIVIDENDI (MGĦAX)

Id-*dividend* (mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura:

a) (i) fit-22 ta' Marzu u fit-22 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors tat-3 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III);

(ii) fil-22 ta' Jannar u fil-22 ta' Lulju ta' kull sena waqt il-kors tal-4.65 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (I).

b) (i) Fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi mill-membri tal-pubbliku taħt paragrafu 2 (d) fit-3 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) FI li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax *pro rata* għall-perjodu bejn l-4 ta' Novembru, 2013, (id-data tal-ħruġ) u l-21 ta' Marzu, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 1.143646 fil-mija fit-22 ta' Marzu, 2014;

(ii) fil-każ ta' offerti/applikazzjonijiet sottomessi minn investituri istituzzjonali taħt paragrafi 2 (e) u (f) fit-3 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) FI li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax *pro rata* għall-perjodu bejn is-7 ta' Novembru, 2013 (id-data tal-ħruġ) u l-21 ta' Marzu, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 1.118785 fil-mija fit-22 ta' Marzu, 2014;

(iii) fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi mill-membri tal-pubbliku taħt paragrafu 2 (d) fl-4.65 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (I) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax *pro rata* għall-perjodu bejn l-4 ta' Novembru, 2013

e) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut-off rate.

5. OVER-ALLOTMENT OPTION

The Accountant General reserves the right to exercise an over-allotment option for an additional amount of €60,000,000.

Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated in the respective application form for the payment of dividend (interest).

6. UNDERISSUANCE

The Accountant General reserves the right to accept bids for the full amount or any part thereof and to reject any bid or part thereof on any grounds whatsoever, notwithstanding that the aggregate amount on issue has not been taken up.

7. PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the:

a) (i) 22nd day of March and the 22nd day of September during the tenor of the 3% Malta Government Stock 2019 (III);

(ii) 22nd day of January and the 22nd day of July during the tenor of the 4.65% Malta Government Stock 2032 (I).

b) (i) In the case of accepted applications submitted by members of the public under paragraph 2 (d) in respect of the 3% Malta Government Stock 2019 (III) FI, the first pro rata dividend (interest) payment covering the period from the 4th November, 2013, (the issue date) to the 21st March, 2014 (both dates inclusive) will be made at the rate of 1.143646 per cent on the 22nd March, 2014;

(ii) in the case of accepted bids/applications submitted by institutional investors under paragraphs 2 (e) and (f) in respect of the 3% Malta Government Stock 2019 (III) FI, the first pro rata dividend (interest) payment covering the period from the 7th November, 2013 (the issue date) to the 21st March, 2014 (both dates inclusive) will be made at the rate of 1.118785 per cent on the 22nd March, 2014;

(iii) in the case of accepted applications submitted by members of the public under paragraph 2 (d) in respect of the 4.65% Malta Government Stock 2032 (I), the first pro rata dividend (interest) payment covering the period from the 4th

(id-data tal-ħruġ) u l-21 ta' Jannar, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 0.998234 fil-mija fit-22 ta' Jannar, 2014;

(iv) Fil-każ ta' offerti/applikazzjonijiet sottomessi minn investituri istituzzjonali taħt paragrafi 2 (e) u (f) fl-4.65 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (I) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax *pro rata* għall-perjodu bejn is-7 ta' Novembru, 2013 (id-data tal-ħruġ) u l-21 ta' Jannar, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir bir-rata ta' 0.960326 fil-mija fit-22 ta' Jannar, 2014;

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skont kif indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

8. *FUNGIBILITY*

L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' kull *Stock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati mal-i*Stock* eżistenti.

9. FIDWA TA' *STOCK*

(i) It-3 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) għandu jinfeda b'parità fit-22 ta' Settembru, 2019.

(ii) L-4.65 fil-mija Stock tal-Gvern ta' Malta 2032 (I) għandu jnfeda b'parità fit-22 ta' Lulju, 2032.

10. SIGURTÀ

L-i*Stock* u d-*dividend* (mgħax) fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

11. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex kull *Stock* rispettiv ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fit-22 ta' Marzu, 2014, wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri f'paragrafi 7 (b) (i) u 7 (b) (ii), kull ammont allokat fit-3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

ċ) Fit-22 ta' Jannar, 2014, wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri f'paragrafi 7 (b) (iii) u 7 (b) (iv), kull ammont allokat fl-4.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (I) jiġi integrat u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

November, 2013 (the issue date) to the 21st January, 2014 (both dates inclusive) will be made at the rate of 0.998234 per cent on the 22nd January, 2014;

(iv) in the case of accepted bids/applications submitted by institutional investors under paragraphs 2 (e) and (f) in respect of the 4.65% Malta Government Stock 2032 (I), the first pro rata dividend (interest) payment covering the period from the 7th November, 2013 (the issue date) to the 21st January, 2014 (both dates inclusive) will be made at the rate of 0.960326 per cent on the 22nd January, 2014;

c) Payment of dividend (interest) of each Stock will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

8. FUNGIBILITY

The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of each of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the respective existing Stock.

9. REDEMPTION OF STOCK

(i) The 3% Malta Government Stock 2019 (III) shall be redeemed at par on the 22nd September, 2019.

(ii) The 4.65% Malta Government Stock 2032 (I) shall be redeemed at par on the 22nd July, 2032.

10. SECURITY

The Stock and dividend (interest) thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

11. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 22nd March, 2014, after the payment of the first dividend (interest) as indicated in paragraphs 7 (b) (i) and 7 (b) (ii), any amount allotted under the 3% Malta Government Stock 2019 (III) F.I. shall be integrated with the existing issue of this Stock and thereafter shall be deemed to be one Stock.

c) On the 22nd January, 2014, after the payment of the first dividend (interest) as indicated in paragraphs 7 (b) (iii) and 7 (b) (iv), any amount allotted under the 4.65% Malta Government Stock 2032 (I) shall be integrated and thereafter both shall be deemed to be one Stock.

12. KLAWSOLI TA' AZZJONIJIET KOLLETTIVI (KAK)

(a) Skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabillixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM), il-mudell KAK sar mandatorju fit-titoli governattivi ġodda kollha taż-żona tal-ewro, b'perjodu ta' maturità 'il fuq minn sena, u maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 jew wara.

(i) Skont id-dispożizzjonijiet tal-KAKs, l-*Accountant General*, jista' f'kull ħin isejjaħ laqgħa għad-detenturi sabiex jikkunsidraw u japprovaw kwalunkwe modifika fil-kondizzjonijiet u t-termini tal-i*Stock*.

(ii) Hemm żewġ tipi ta' modifiki li jistgħu jsiru, (1) modifika ta' materja riżervata li tinvolvi l-modifika tal-aktar termini u kondizzjonijiet importanti tal-i*Stock*, bħal tnaqqis tal-ammont prinċipali tal-i*Stock*, jew tal-imgħax li jitħallas fuqu, jew tibdil fid-dati ta' meta jitħallas l-imgħax jew id-data ta' meta l-i*Stock* jiġi mifdi, jew tibdil fit-tifsira ta' materja riżervata u (2) modifika ta' materja mhux riżervata, li tinvolvi l-modifika tat-termini u kondizzjonijiet anqas importanti minn modifika ta' materja riżervata.

(iii) Skont l-KAK, modifika tista' tiġi proposta kemm fir-rigward ta' *Stock* wieħed, msejħa bħala serje waħda ta' modifika, jew aktar minn *Stock* wieħed fl-istess ħin, imsejħa bħal modifika *cross series*.

(iv) Il-modifika ta' *Stock* fir-rigward ta' materja riżervata teħtieġ il-vot affermattiv ta' mhux anqas minn 75% tal-ammont totali prinċipali tal-i*Stock* pendenti, rappreżentati waqt laqgħa tad-detenturi tal-i*Stock* debitament imsejħa, jew mhux anqas minn 66 2/3% tal-ammont totali prinċipali f'każ ta' riżoluzzjoni bil-miktub.

(v) Fir-rigward ta' modifika ta' materja mhux riżervata, hu meħtieġ, il-vot affermattiv tad-dedenturi tal-i*Stock* li jiffurmaw aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-i*Stock* pendenti waqt laqgħa debitament imsejħa, jew aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-i*Stock* pendenti b'riżoluzzjoni bil-miktub.

(vi) F'kull każ, modifika proposta teħtieġ il-kunsens tal-*Accountant General* u, jekk tkun approvata, għandha torbot lid-detenturi kollha tal-i*Stock*.

(b) L-avviż li jsejjaħ laqgħa tad-detenturi tal-i*Stocks* għandu jiġi ppubblikat mill-*Accountant General* mill-inqas 21 ġurnata mid-data qabel ma sseħħ il-laqgħa jew, fil-każ ta' laqgħa aġġornata, mill-inqas 14-il ġurnata qabel id-data tal-laqgħa aġġornata. L-avviż għandu, fost affarijiet oħra, (i) jiddikjara l-ħin, id-data u l-post fejn se ssir il-laqgħa;

12. COLLECTIVE ACTION CLAUSES (CACs)

(a) Pursuant to the decision of the European Council of 24-25th March 2011, and in accordance with Paragraph 3 of Article 12 of the European Stability Mechanism (ESM) Treaty, the model Collective Action Clauses (CAC) became mandatory in all new euro area government securities with maturity above one year issued on or after 1st January 2013.

(i) Pursuant to the provisions contained in the CACs, the Accountant-General may, at any time, convene a meeting of stockholders to consider and approve any modifications of the borrowing terms and conditions of the Stock on issue.

(ii) The modifications that may be carried out are of two types: (1) A '*reserved matter*' modification, involving the modification of the most important terms and conditions of this Stock, such as a reduction in the principal or interest payable on this Stock, or changes in the dates when interest is payable or Stock is redeemable, or change the definition of a 'reserved matter'; and (2) A '*non-reserved matter*' modification, involving the modification of less important terms and conditions other than a reserved matter.

(iii) Under the CAC, a modification may be proposed in relation to either a single stock, a so-called single-series modification, or to more than one stock at the same time, a so-called cross series modification.

(iv) Modification of stock in relation to a 'reserved matter' shall require the affirmative vote of stockholders of not less than 75% of the aggregate principal amount of the outstanding stock represented at a meeting duly convened, or not less than 66 2/3% of the aggregate principal amount of the outstanding stock in the case of written resolution.

(v) In relation to a 'non-reserved matter' modification, the affirmative vote of stockholders of more than 50% of the aggregate principal amount of the outstanding stock represented at a meeting duly convened, or of more than 50% of the aggregate principal amount of the outstanding stock in the case of written resolution, is required.

(vi) In all events, a proposed modification shall require the consent of the Accountant-General and, if approved, shall be binding for all stockholders.

(b) Notice of Meetings of Stockholders shall be published by the Accountant General at least 21 days prior to the date of the meeting or, in the case of an adjourned meeting, at least 14 days prior to the date of the adjourned meeting. The notice shall, amongst other matters, (i) specify the date, time and location of the meeting; (ii) set out the agenda and

(ii) jistabbilixxi l-aġenda u l-*quorum* għal, u t-test ta' kull riżoluzzjoni proposta sabiex tiġi adottata fil-laqgħa; u (iii) jistabbilixxi kull regola addizzjonali adottata mill-*Accountant General,* u jekk applikabbli, l-kondizzjonijiet li taħthom modifika *cross-serie*s titqies bħala sodisfatta jekk tiġi approvata fir-rigward ta' xi uħud mis-serje affettwati iżda mhux kollha ta' titoli ta' dejn.

(ċ) Is-Sedja ta' kull laqgħa tad-detenturi tal-i*Stocks* għandha tkun maħtura mill-*Accountant General*; jew f'każ fejn il-persuna nominata ma tkunx preżenti waqt il-laqgħa, mid-detenturi li għandhom aktar minn 50% tal-ammont totali prinċipali tal-i*Stocks* li jkunu f'dak iż-żmien pendenti u rappreżentati waqt il-laqgħa.

(d) L-*Accountant General* għandu mingħajr telf ta' żmien, jippubblika l-avviżi kollha u materji l-oħra meħtieġa li jkunu ppubblikati skont il-laqgħat tad-detenturi tal-i*Stocks* u riżoluzzjonijiet bil-miktub:

(i) fuq il-*website* tat-Teżor: (www.treasury.gov.mt);
(ii) permezz tal-Borża ta' Malta; u
(iii) fil-Gazzetta tal-Gvern.

(e) Il-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva (KAK) maqbula bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fis-*summit* li sar bejn l-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabbillixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM), jinsabu fuq il-*website* tat-Teżor (www.treasury.gov.mt) fis-sezzjoni riservata għad-Direttorat tad-*Debt Management*.

Nota: Il-paragrafu ta' hawn fuq dwar il-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva (KAK) huwa sommarju ta' informazzjoni meħudha mill-Mudell tal-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva (KAK). Fl-interess tagħhom, l-applikanti potenzjali kollha huma mħeġġa sabiex jaqraw il-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva sħaħ u fid-dettal kollu tagħhom li jinsabu fuq il-*website* tat-Teżor, u kull deċiżjoni ta' investiment fl-i*Stock/s* għandha tittieħed wara li jiġi kkunsidrat il-Prospett sħiħ.

13. LEĠIŻLAZZJONI RELATTIVA

L-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Kap. 526), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, u Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi taħt l-artikoli 4 (1) (a) u 6 (1) tal-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti tal-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista' jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

It-18 ta' Ottubru, 2013

quorum for, and the text of any resolutions proposed to be adopted; and (iii) set out any additional rules adopted by the Accountant General and, if applicable, the conditions under which a cross-series modification will be deemed to have been satisfied if it is approved as to some but not all the affected series of debt securities.

(c) The Chair of any meeting of stockholders will be appointed by the Accountant General; or if such person nominated is not present at the meeting, by the holders of more than 50% of the aggregate principal amount of the Stocks then outstanding represented at the meeting.

(d) The Accountant General shall publish, without undue delay, all notices and other matters required to be published pursuant to Stockholders Meetings and Written Resolutions:

(i) on the Treasury's website: (www.treasury.gov.mt);
(ii) through the Malta Stock Exchange;
(iii) Malta Government Gazette.

(e) The Collective Action Clauses (CACs), as agreed upon by the Member States of the European Union at its summit held on 24-25 March 2011, and in accordance with Paragraph 3 of Article 12 of the European Stability Mechanism (ESM) Treaty, can be found on the Treasury website (www.treasury.gov.mt) under the section reserved for the Debt Management Directorate.

Note: The above paragraph on the Collective Action Clauses (CACs) contains summarized information taken from the Model Collective Action Clauses (CAC). All potential applicants are solicited to access the detailed CACs which can be found on the Treasury website, and any decision to invest in the Stock/s should be based on consideration of the Prospectus as a whole.

13. RELEVANT LEGISLATION

The Budget Measures Implementation Act (Cap. 526), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161, and Directive by the Minister for Finance under articles 4 (1) (a) and 6 (1) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenor of the Stock.

18th October, 2013

Nru. 1008

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – REĠJUN GĦAWDEX

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fil-Votazzjoni għat-Twaqqif ta' Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Reġjun Għawdex, li saret fit-12-il jum ta' Ottubru, 2013, sejrin hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa dan:–

No. 1008

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – GOZO REGION

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the establishment of the Executive Committee of the Association of Local Councils, Gozo Region List, held on the 12th day of October, 2013, do hereby give notice that result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:–

Numru ta' voti validi *Number of valid votes* } **73**

Numru ta' membri li għandhom jiġu eletti *Number of members to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **37**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA	
CUTAJAR JOSIANNE	35
PARTIT NAZZJONALISTA	
AZZOPARDI SAMUEL	38E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	–
Total *Total*	73

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi AZZOPARDI SAMUEL ġie kif mistħoqq elett Membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-Reġjun hawn fuq imsemmi
WE do hereby declare that is duly elected Member of the Executive Committee for the above mentioned Region.

Id-data tal-lum it-12-il jum ta' Ottubru, 2013
Dated this 12th day of October, 2013

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS
S. SANT
N. CUTAJAR
J. SCICLUNA
V. GANADO
R. ZAMMIT
P. SAMMUT
J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

It-18 ta' Ottubru, 2013

18th October, 2013

Nru. 1009

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – REĠJUN TRAMUNTANA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fil-Votazzjoni għat-Twaqqif ta' Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Reġjun Tramuntana, li saret fit-12-il jum ta' Ottubru, 2013, sejrin hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa dan:–

No. 1009

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – NORTHERN REGION

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the establishment of the Executive Committee of the Association of Local Councils, Northern Region List, held on the 12th day of October, 2013, do hereby give notice that result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:–

Numru ta' voti validi *Number of valid votes* } **83**

Numru ta' membri li għandhom jiġu eletti *Number of members to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **42**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA	
TABONE RAYMOND	40
PARTIT NAZZJONALISTA	
MIFSUD ANTON (ANTHONY)	43E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	–
Total *Total*	83

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi MIFSUD ANTON (ANTHONY) ġie kif mistħoqq elett Membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-Reġjun hawn fuq imsemmi

WE do hereby declare that is duly elected Member of the Executive Committee for the above mentioned Region.

Id-data tal-lum it-12-il jum ta' Ottubru, 2013
Dated this 12th day of October, 2013

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS, N. CUTAJAR, V. GANADO, P. SAMMUT
S. SANT, J. SCICLUNA, R. ZAMMIT, J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 1010

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – REĠJUN NOFSINHAR

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fil-Votazzjoni għat-Twaqqif ta' Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Reġjun Nofsinhar, li saret fit-12-il jum ta' Ottubru, 2013, sejrin hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa dan:–

No. 1010

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – SOUTHERN REGION

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the establishment of the Executive Committee of the Association of Local Councils, Southern Region List, held on the 12th day of October, 2013, do hereby give notice that result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:–

Numru ta' voti validi *Number of valid votes* } **92**

Numru ta' membri li għandhom jiġu eletti *Number of members to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **47**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA	
AQUILINA JESMOND	59E
PARTIT NAZZJONALISTA	
PULI RALPH	33
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	–
Total *Total*	92

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi AQUILINA JESMOND ġie kif mistħoqq elett Membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-Reġjun hawn fuq imsemmi
WE do hereby declare that is duly elected Member of the Executive Committee for the above mentioned Region.

Id-data tal-lum it-12-il jum ta' Ottubru, 2013
Dated this 12th day of October, 2013

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS
S. SANT
N. CUTAJAR
J. SCICLUNA
V. GANADO
R. ZAMMIT
P. SAMMUT
J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

It-18 ta' Ottubru, 2013

18th October, 2013

Nru. 1011

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – REĠJUN XLOKK

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fil-Votazzjoni għat-Twaqqif ta' Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Reġjun Xlokk, li saret fit-12-il jum ta' Ottubru, 2013, sejrin hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa dan:–

No. 1011

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – SOUTH EASTERN REGION

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the establishment of the Executive Committee of the Association of Local Councils, South Eastern Region List, held on the 12th day of October, 2013, do hereby give notice that result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:–

Numru ta' voti validi *Number of valid votes* } **95**

Numru ta' membri li għandhom jiġu eletti *Number of members to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **48**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA	
FARRUGIA PAUL	71E
PARTIT NAZZJONALISTA	
CARUANA RAYMOND	24
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	–
Total *Total*	95

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi FARRUGIA PAUL ġie kif mistħoqq elett Membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-Reġjun hawn fuq imsemmi
WE do hereby declare that is duly elected Member of the Executive Committee for the above mentioned Region.

Id-data tal-lum it-12-il jum ta' Ottubru, 2013
Dated this 12th day of October, 2013

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS
S. SANT
N. CUTAJAR
J. SCICLUNA
V. GANADO
R. ZAMMIT
P. SAMMUT
J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 1012

NOTIFIKA DWAR L-EŻENZJONI MINN STUDJU TAL-IMPATT AMBJENTALI

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skond l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA04065/10

Post: Sit f' Triq Ix-Xatt Ta` Xbiex, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, Malta.

Proposta: Installazzjoni ta' *pontoons* għall-irmiġġ ta' dgħajjes u infrastruttura relatata.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-13 ta' Marzu 2012 u ittra relatata sottomessa fil-15 ta' Lulju 2013, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-14 ta' Jannar 2013.

No. 1012

NOTIFICATION OF EXEMPTION OF ENVIRONMENTAL PLANNING STATEMENT

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA04065/10

Location: Site, Triq Ix-Xatt Ta` Xbiex, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, Malta.

Proposal: Installation of pontoons for the berthing of boats and related infrastructure.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 29th May 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 14th January 2013 and subsequent correspondence dated 15th July 2013.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Tniġġis tal-ilma tal-pjan u fil-wiċċ	L-informazzjoni sottomessa tirrakkomanda li l-iżvilupp propost mhux mistenni li jkollu impatt negattiv kumulattiv fuq l-kurrenti, diflezzjoni tal-mewġ u l-ħin ta' residenti tal-ilma fil-Lazaretto Creek u n-naħa ta' ġewwa tal-port ta' Marsamxett. ġewwa. L-iżviluppi proposti huwma mistennija li se jkollhom operat aktar regolarizzata u organizzata, li jissalvagwarda l-ambjent permezz ta'miżuri ta' mitigazzjoni, il-kontroll tat-tniġġiz, u l-infurzar. Permezz ta' dan huwa mistenni li jkun hemm titjib tas-sitwazzjoni attwali fiż-żoni konċernati. Huwa wkoll mistenni li jitnaqqas drastikament ir-riskju ta' tniġġis, u jiġu stabbiliti prattiki ta' ġestjoni tal-iskart (li bħalissa huwa minimu), f'konformità sħiħa mar-regolamenti applikabbli u li jiġu ndirizzati inkonvenjenzi oħra.

Coastal water Pollution and circulation	*The information submitted advocates that the proposed development is not expected to have a cumulative adverse impact on the currents, wave deflection and water residence time in Lazaretto Creek and inner Marsamxetto Harbour. In turn, the proposed development is expected to create a more regularised and organised operation, which will make mitigation, control, and enforcement of environmental issues easier. This is expected to result in an improvement over the current situation within the concerned areas. Proposal is also expected to drastically minimise the risk of pollution, establish waste management practices (which are currently at a minimum), in full compliance with the applicable regulations and address other current undesirable inconveniences.*
Ħolqien ta' skart	L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini u kif ukoll waqt l-operat mhux se jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess għall-operat.
Waste generation	*The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an environmental permit and the adoption of standard marina operation requirements.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja	In-natura u d-daqs tal-proġett propost mhux probabbli li jikkontribwixxu għal impatti sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, u dan meta tittieħed kunsiderazzjoni u din b'fehma tan-natura tat-traffiku fiż-żona, u attività oħra relatata mal-użu eżistenti tas-sit.
Impact on air quality	*The nature and size of the proposed project in relation to existing related activity on site, and the traffic patterns of the wider landward area, is not likely to contribute to significant impacts on the air quality of the area.*
Storbju u vibrazzjonijiet	Il-proġett mhux mistenni li jikkontribwixxi għal impatt tas-storbju u vibrazzjoni sinifikanti, u dan meta jittieħed kunsiderazzjoni tan-natura tal-użi l-art ta' madwar, kif ukoll dak marbut mal-baħar li hija kkaratterizzata minn *yacht marina* akbar, u żona mibnija.
Noise and vibrations	*The project is not expected to give rise to significant noise and vibration impacts, and this in understanding of the nature of the larger land-based and sea-based uses of the adjacent sites, which is characterised by a larger yacht marina, and a densely urbanised area.*
Impatt permezz ta' dawl	Emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl mhux mistennija li jkollhom impatt partikolari meta mqabbla mas-sitwazzjoni diġà eżistenti. Barra minn hekk, l-impatti potenzjali jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *down lighters*, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi.
Light pollution	*Light emissions during night time is not likely to be signficant over the current baseline situation. Furthermore, any potential impacts may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

It-18 ta' Ottubru, 2013

18th October, 2013

Nru. 1013

NOTIFIKA DWAR L-EŻENZJONI MINN STUDJU TAL-IMPATT AMBJENTALI

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skond l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: A05468/10

Post: Ta' Xbiex Marina, Triq ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex, Triq ix-Xatt, Gżira, Malta.

Proposta: Biex tiġi re-organizzata l-marina ta' Ta' Xbiex. Titjib tal-moll, bini ta' kamra għat-tibdil tal-vultaġġ u stallazzjoni ta' floating pontoon u uffiċċju temporanju fuq l-istess sit.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-13 ta' Marzu 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-22 ta' Jannar, 2013 u korrispondenza relatata sottomessa fil-15 ta' Lulju, 2013.

No. 1013

NOTIFICATION OF EXEMPTION OF ENVIRONMENTAL PLANNING STATEMENT

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA05468/10

Location: Ta' Xbiex Marina, Triq ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex, Triq ix-Xatt, Gżira, Malta.

Proposal: Reorganisation of ta' Xbiex Marina. Upgrading of quay, erection of low voltage switch room and installation of floating pontoon with temporary office on same.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 13 March 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 22nd January, 2013 and subsequent correspondence dated 15th July, 2013.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Tniġġis tal-ilma tal-pjan u fil-wiċċ	L-informazzjoni sottomessa tirrakkomanda li l-iżvilupp propost mhux mistenni li jkollu impatt negattiv kumulattiv fuq il-kurrenti, diflezzjoni tal-mewġ u l-ħin residenti tal-ilma fil-Lazaretto Creek u n-naħa ta' ġewwa tal-port ta' Marsamxett. L-iżvilupp propost huwa mistenni se jkollu operat aktar regolarizzat u organizzat, li jissalvagwardja l-ambjent permezz ta'miżuri ta' mitigazzjoni, kontroll ta' tniġġiz, u l-infurzar. Permezz ta' dan huwa mistenni li jkun hemm titjib tas-sitwazzjoni attwali fiż-żoni konċernati. Huwa wkoll mistenni li jitnaqqas drastikament ir-riskju ta' tniġġis, jiġu stabbiliti prattiki ta' ġestjoni tal-iskart (li bħalissa huwa minimu) f'konformità sħiħa mar-regolamenti applikabbli u li jiġu indirizzati inkonvenjenzi oħra.

Coastal water Pollution and circulation	*The information submitted advocates that the proposed development is not expected to have a cumulative adverse impact on the currents, wave deflection and water residence time in Lazaretto Creek and inner Marsamxetto Harbour. In turn, the proposed development is expected to create a more regularised and organised operation, which will make mitigation, control, and enforcement of environmental issues easier. This is expected to result in an improvement over the current situation within the concerned areas. Proposal is also expected to drastically minimise the risk of pollution, establish waste management practices (which are currently at a minimum), in full compliance with the applicable regulations and address other current undesirable inconveniences.*
Ħolqien ta' skart	L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini u kif ukoll waqt l-operat mhux se jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess għall-operat.
Waste generation	*The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an environmental permit and the adoption of standard marina operation requirements.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja	In-natura u d-daqs tal-proġett propost mhux probabbli li jikkontribwixxi għal impatti sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, u dan meta jittieħed kunsiderazzjoni tan-natura tat-traffiku fiż-żona, u attività oħra relatata mal-użu eżistenti tas-sit.
Impact on air quality	*The nature and size of the proposed project in relation to existing related activity on site, and the traffic patterns of the wider landward area, is not likely to contribute to significant impacts on the air quality of the area.*
Storbju u vibrazzjonijiet	Il-proġett mhux mistenni li jikkontribwixxi għal impatt tas-storbju u vibrazzjoni sinifikanti, u dan meta tittieħed kunsiderazzjoni tan-natura tal-użi l-art ta' madwar, kif ukoll dak marbut mal-baħar li hija kkaratterizzata minn *yacht marina* akbar, u żona mibnija.
Noise and vibrations	*The project is not expected to give rise to significant noise and vibration impacts, and this in understanding of the nature of the larger land-based and sea-based uses of the adjacent sites, which is characterised by a larger yacht marina, and a densely urbanised area.*
Impatt permezz ta' dawl	Emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl mhux mistennija li jkollhom impatt partikolari meta mqabbla mas-sitwazzjoni diġà eżistenti. Barra minn hekk, l-impatti potenzjali jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *down lighters*, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi.
Light pollution	*Light emissions during night time is not likely to be signficant over the current baseline situation. Furthermore, any potential impacts may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

It-18 ta' Ottubru, 2013 18th October, 2013

Nru. 1014

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
18. 10. 13	€30.580	€0.532

It-18 ta' Ottubru, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 135

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

L-Imqabba/Ħal Qormi

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Ottubru, 2013 mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Ħal Farruġ minn Triq is-Siġġiewi (ħdejn ir-*roundabout* Mqabba/Siġġiewi) sa Triq Ħal Luqa.

Ħadd ma jista' jipparkja Ipparkjar fi Triq Ħal Farrugia, waqt il-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmonkati.

It-18 ta' Ottubru, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 86 tal-2013

Malta Canoe Federation - Tellieqa bil-Kenuri fil-Port ta' Marsamxett

It-Tellieqa Annwali bil-Kenuri/Kajjiki madwar Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett se ssir nhar il-Ħadd, is-27 ta' Ottubru, 2013 bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m.

No. 1014

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
18. 10. 13	€30.580	€0.532

18th October, 2013

POLICE NOTICE

No. 135

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mqabba/Ħal Qormi

On Sunday, 20th October, 2013 from 8.00 a.m. till 6.00 p.m. through the following streets: Triq Ħal Farruġ from Triq is-Siġġiewi (near Mqabba/Siġġiewi roundabout) to Triq Ħal Luqa.

Parking in Triq Ħal Farrug during the above mentioned hours is also prohibited.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

18th October, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 86 of 2013

Malta Canoe Federation - Canoe Race at Marsamxett Harbour

The annual Canoe/Kayak Race will be held on Sunday, 27 October 2013 at Marsamxett Harbour between 9.00 a.m. and 1.00 p.m.

Il-bidu u t-tmiem se jkun fl-I*strand* - Tas-Sliema, faċċata tas-Sliema Hotel. It-tlielaq se jkunu mix-xellug għal-lemin madwar Manoel Island u jżommu r-rotta kif muri fiċ-*charlet* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)

Il-baħħara li jkunu qegħdin ibaħħru fid-Daħla ta' Tas-Sliema għandhom jieħdu nota ta' hawn fuq u joqogħdu attenti għal dawk bil-kenuri, biex iżommu 'l bogħod u biex ibaħħru bil-mod ħafna

Jekk il-kondizzjonijiet tat-temp ma jippermettux, it-tlielaq isiru matul ix-xatt tal-i*Strand*.

Chart affettwata: BA *Chart* 177.

It-18 ta' Ottubru, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 23 tal-2013

Dawl fil-Ponta ta' Delimara – Arc of Visibility and Range

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li d-dawl fil-"Ponta ta' Delimara" li jteptep darbtejn kull tnax-il sekonda fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35º 49'.300	14º 33'.538

issa qed jidher f'ark minn *true bearing* ta' 090º min-Nofsinhar għal true bearing ta' 272º mid-dawl fil-pożizzjoni msemmija hawn fuq.

Id-dawl iwassal tnaqqis għal 15NM.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum

Charts affettwati: BA Chart 36, 2538, 194

It-18 ta' Ottubru, 2013

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' *Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija fil-Ministeru għas-Saħħa

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 2 ta' Awwissu 2013)

"Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil".

Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani), għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għas-Saħħa, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija fil-Ministeru għas-Saħħa.

The start and finish will be at the Strand – Sliema, opposite to the Sliema Hotel. The races will proceed in clockwise laps around Manoel Island and will mainly follow the route as per chartlet found on Transport Malta's website(www.transport.gov.mt).

Mariners navigating in Sliema Creek are to take note of the above and keep a sharp lookout for the canoeists, to give a wide berth and navigate at very slow speed.

Should weather conditions be unfavourable, the races will be held along the Strand coast.

Chart affected: BA Chart 177

18th October, 2013

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 23 of 2013

Delimara Point Light – Arc of Visibility and Range

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the light at "Il-Ponta ta' Delimara" flashing 2 every 12 seconds in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 49'.300	14º 33'.538

Is now visible within an arc from a true bearing of 090º through South to a true bearing of 272º from the light in the above mentioned position.

The range of this light is reduced to 15 NM.

Position in WGS 84 Datum.

Charts affected: BA Chart 36, 2538, 194

18th October, 2013

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Clinical Chairperson of the Department of Dentistry in the Ministry for Health

(Capacity building approval dated 2 August 2013)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Director (Human Resources Practices), on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Health, invites applications for the position of Clinical Chairperson of the Department of Dentistry in the Ministry for Health.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fil-Ministeru għas-Saħħa b'mod partikolari. Persuna maħtura tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija tkun fi Skala ta' Salarju 3.

2.3 *Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija tista' tingħata kuntratt wieħed jew aktar sussegwentement jekk tkun magħżula għal darb'oħra wara li jkun hemm sejħa għal applikazzjonijiet sussegwenti.

Dmirijiet

3.1 Il-persuna fil-pożizzjoni ta' *Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija tkun il-Kap tad-Dipartiment tad-Dentistrija li jinkludu u taqa' direttament taħt il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei. Il-persuna maħtura tkun mistennija li b'mod dinamiku tmexxi lid-Dipartiment tad-Dentistrija fl-attivitajiet kollha tiegħu, u tagħti għajnuna fil-programmi ta' tagħlim *undergraduate* u *postgraduate*, in-*service training* kif ukoll programmi ta' riċerka. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa wkoll tipprovdi konsulenza lill-Uffiċjal Mediku Ewlieni dwar materji relatati ma' żvilupp ta' servizzi ġodda, *entitlement*, ippjanar tal-*workforce* u materji oħra ta' relevanza strateġika għas-servizz tas-saħħa pubblika.

3.2 Il-persuna maħtura trid tassumi responsabbilta sħiħa għall-iżvilupp, l-immaniġġar u l-amministrazzjoni tas-servizzi tad-dentistrija pprovduti mill-Gvern. F'dan ir-rigward tkun trid timmaniġġa u tieħu l-inkarigu kliniku ta':

(a) servizzi tad-dentistrija pprovduti fl-Isptar Mater Dei, inkluż dawk mogħtija fid-Dipartiment tad-Dentistrija u dipartimenti oħra,

(b) servizzi tad-dentistrija li jistgħu jkunu pprovduti fi sptarijiet jew istituzzjonijiet approvati oħra, issa u/jew fil-futur, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, u

(ċ) servizzi tad-dentistrija pprovduti issa u/jew fil-futur f'xi *health care* setting u/jew fil-komunita, flimkien mad-Dipartiment/i responsabbli għas-Saħħa Primarja u fil-Komunità.

Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li tikkollabora mill-qrib fuq bażi regolari mal-uffiċjal/i anzjana/i responsabbli għall-kumplament tal-istaff kliniku u amministrattiv li jifforma parti minn dak id-dipartiment kliniku sabiex jiżgura servizz bla xkiel b'*ethos* interdixxiplinarju.

Terms and Conditions

2.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, shall be full-time on the basis of a five-year contract and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Health in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.2 The position of Clinical Chairperson of the Department of Dentistry shall be in Salary Scale 3.

2.3 A Clinical Chairperson of the Department of Dentistry may be given one or more subsequent contracts if he/she is selected again following subsequent calls for applications.

Duties

3.1 The Clinical Chairperson of the Department of Dentistry will head the Department of Dentistry, and will be directly accountable to the Chief Executive Officer, Mater Dei Hospital. He/she will be expected to dynamically lead the Department of Dentistry in all its activities and extend support for undergraduate and postgraduate teaching, in-service training and research programmes. The appointee shall also be required to provide advice to the Chief Medical Officer on matters relating to new service development, entitlement, workforce planning and other matters of strategic relevance for the public health service.

3.2 The appointee shall assume full responsibility for the development, management and administration of the dental services provided by Government. In this respect he/she shall manage and take clinical charge of:

(a) dental services at Mater Dei Hospital, including those performed at the Department of Dentistry and any other department;

(b) dental services which may be provided now and/or in the future in other approved hospitals or institutions, both in Malta and Gozo; and

(c) dental services provided now and/or in the future in a health centre setting and/or the community, in conjunction with the Department/s responsible for primary and community health.

The appointee will be required to liaise closely on a regular basis with the senior officer/s responsible for other clinical and administrative staff forming part of that clinical department so as to ensure smooth delivery of all service within an interdisciplinary ethos.

3.3 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura konsulenza klinika u servizz ta' *liaison* lill-kollegi kliniċi oħra kif ukoll lill-isptarijiet, aġenziji, u organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi, f'dak li jirrigwardja d-Dentistrija.

3.3 The appointee shall be responsible for ensuring a clinical consultancy and liaison service to other clinical colleagues as well as to hospitals, agencies, governmental and non-governmental organisations on matters pertaining to Dentistry.

3.4 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura l-ogħla livell possibbli ta' kura għall-pazjenti fid-Dipartiment tagħha b'attenzjoni speċjali ta' kura li għandha tingħata b'mod xieraq, fil-ħin u kontinwu.

3.4 The appointee shall be responsible to ensure the highest possible level of patient care within his/her Department, with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity of care.

3.5 Fir-rigward partikolari ta' pazjenti fid-Dipartiment tad-Dentistrija tal-Isptar Mater Dei, il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura aċċess pront fuq bażi ta' 24 siegħa għal investigazzjonijiet mediċi neċessarji kif jista' ikun indikat, permezz ta' *policies* u *protocols* operattivi xierqa u għal dan il-għan, għandha tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet ta' ħidma tajbin mal-*managers* tal-isptar, *ward* u *bed managers* kif ukoll kollegi kliniċi fid-Dipartiment tad-Dentistrija u fl-ispeċjalitajiet varji.

3.5 With particular regard to patients at the Department of Dentistry at Mater Dei Hospital, the appointee shall be responsible for ensuring prompt access on a 24-hour basis to any necessary dental investigations as may be indicated, through appropriate operational policies and protocols and to this effect, shall establish and maintain good working relationships with hospital managers, ward and bed managers as well as with clinical colleagues at the Department of Dentistry and in the various specialties.

3.6 Il-persuna maħtura tkun responsabbli b'mod aħħari għall-immaniġġar kliniku tal-pazjenti mit-tim kliniku fid-Dipartiment tad-Dentistrija u għall-*performance* in ġenerali tad-Dipartiment. Għal dan il-għan il-persuna maħtura tkun responsabbli *inter alia* għat-tmexxija bla xkiel tas-servizzi pprovduti mill-impjegati li jaqgħu taħtha, li tiċċekkja l-*performance* u l-attendenzi, tqassim tar-riżorsi fid-dipartiment li jaqa' taħtha fl-aħjar interess tas-servizz u b'mod ġenerali tkun responsabbli għad-Dipartiment li hija inkarigata minnu. Il-persuna maħtura tkun ukoll rikjesta li tosserva t-tfassil fil-ħin ta' *job plans* li jirriflettu prijoritajiet stabbiliti mill-Ministeru għas-Saħħa u tirrevedi dawn il-*job plans* b'mod regolari kif mitlub mill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei.

3.6 The appointee shall be ultimately responsible for the clinical management of patients by the clinical team within the Department of Dentistry and for the overall performance of the Department. To this effect, the appointee shall be responsible inter alia to ensure smooth running of services under his/her charge, to monitor performance and attendances, distribute resources within his/her Department in the best interest of the service and generally to administer and be accountable for the department under his/her charge. The appointee shall also be required to oversee the timely drawing up of job plans reflecting priorities set out by the Ministry for Health and conduct regular job plan reviews as required by the CEO of Mater Dei Hospital.

3.7 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura *duty rosters* adatti għat-tobba kollha li jaħdmu fid-Dipartiment tad-Dentistrija.

3.7 The appointee shall be responsible for ensuring appropriate duty rosters for all dental staff in the Department of Dentistry.

3.8 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura li jkun hemm *referral/ follow up plans* ċari għal kull pazjent li jkun qed jirċievi l-kura klinika fid-Dipartiment tad-Dentistrija.

3.8 The appointee shall be responsible for ensuring clear referral/follow-up plans for each patient receiving clinical care within the Department of Dentistry.

3.9 Il-persuna maħtura tkun mistennija tiżgura li jkun hemm linji ta' komunikazzjoni ċari bejn id-Dipartiment tad-Dentistrija, il-*management* tal-isptar, kollegi kliniċi u *supporting staff* fl-ispeċjalitajiet varji u l-*general practitioners* u/jew speċjalisti li jipprovdu kura fil-komunità sabiex jassiguraw kura bla xkiel lill-pazjenti.

3.9 The appointee shall be expected to ensure the maintenance of clear communication channels between the Department of Dentistry, hospital management, clinical colleagues and supporting staff in the various specialties, and general practitioners and/or specialists providing care in the community so as to ensure seamless care to patients.

3.10 Il-persuna maħtura tkun responsabbli biex tiżgura li jkun hemm dokumentazzjoni ċara dwar ir-riżultati tal-proċeduri fid-dentistrija li jkunu saru għal kull pazjent li jirċievi l-kura mid-Dipartiment tad-Dentistrija.

3.10 The appointee shall be responsible for ensuring clear documentation on the outcomes of the dental procedures undertaken for each patient receiving care within the Department of Dentistry.

3.11 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura l-użu b'mod effiċjenti tar-riżorsi umani u materjali.

3.12 Il-persuna maħtura tkun mistennija tfassal *clinical* u *operational policies* u *protocols* adatti li għandhom x'jaqsmu mad-Dipartiment tad-Dentistrija, taġġornahom skont in-necessità għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-Isptar u tas-Servizzi għall-Kura tas-Saħħa kif jinħtieġ, u tassigura li *policies* u *protocols* approvati jiġu osservati. B'mod partikolari, il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura li dawn il-*policies* u *protocols* jirriżultaw fi tnaqqis taż-żmien ta' stennija għall-pazjent, duplikazzjoni ta' xogħol u investigazzjonijiet bla bżonn, u sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-kwalità tad-dijanjożi, l-immaniġġar u t-*throughput* ta' pazjenti.

3.13 Il-persuna maħtura tkun mistennija twaqqaf mekkaniżmi xierqa għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizzi u *medical audit*.

3.14 Il-persuna maħtura trid tikkunsidra l-approvazzjoni tal-i*study leave*, basta li jsir kull sforz sabiex it-tobba jitħallew jattendu laqgħat barra minn Malta.

3.15 Il-persuna maħtura tkun mistennija tieħu ħsieb ta' lmenti dwar id-Dipartiment tagħha skont il-proċeduri applikabbli għall-Ministeru għas-Saħħa in ġenerali, u l-Isptar Mater Dei in partikolari.

3.16 Il-persuna maħtura tkun membru *ex officio* tat-*Training Committee/s* għall-ispeċjalitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħha. Hija għandha taħdem mill-qrib mal-*Postgraduate Training Coordinator/s* maħtura sabiex tiżgura l-implimentazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' programmi ta' taħriġ u ta' edukazzjoni għall-ħaddiema tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' *clinical meetings*, u ta' programmi ta' tagħlim għall-istudenti mediċi *undergraduate* u *postgraduate*, kif ukoll għall-istaff tal-*Allied Health Care*, dan tal-aħħar flimkien mal-persuna/i assenjati bħala *Postgraduate Training Co-ordinator/s*.

3.17 Il-persuna maħtura tkun mistennija tħejji *Business Plans* għad-Dipartiment tad-Dentistrija tagħha u tiżgura l-implimentazzjoni tagħhom skont il-parametri baġitarji miftiehma.

3.18 Il-persuna maħtura tkun mistennija toqgħod fuq Bordijiet u Kumitati kif ikun indikat jew mitlub mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż bordijiet u kumitati ta' natura klinika, ta' għażla, ta' investigazzjoni jew konsultattiva.

3.19 Il-persuna maħtura tkun responsabbli biex tipprepara rapport annwali dwar il-ħidma tad-dipartiment kliniku tagħha.

3.11 The appointee shall be accountable for ensuring efficient utilisation of human and material resources.

3.12 The appointee shall be expected to draw up appropriate clinical and operational policies and protocols in connection with the Department of Dentistry, updating these as necessary for approval by the hospital and Health Care Service authorities, as required, and ensuring that approved policies and protocols are complied with. In particular the appointee shall be responsible for ensuring that such policies and protocols result in reducing waiting times for patients, unnecessary duplication of work, unnecessary investigations, and in increasing the efficiency and quality of diagnosis, management and throughput of patients.

3.13 The appointee shall be expected to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

3.14. The appointee shall consider approval of study leave, provided that every effort shall be made to allow doctors to attend meetings overseas.

3.15 The appointee shall be expected to deal with complaints pertaining to his/her Department in accordance with procedures applicable to the Ministry for Health in general and to Mater Dei Hospital in particular.

3.16 The appointee shall ex officio be a member of the Training Committee/s for the specialties falling under his/her responsibility. He/she will work closely with the appointed Postgraduate Training Coordinator/s to ensure the implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes for medical undergraduates and postgraduates as well as allied health care staff in the department, the latter in conjunction with the designated Postgraduate Training Co-ordinator/s.

3.17 The appointee shall be expected to draw up Business Plans for the Department of Dentistry and to ensure their implementation in line with agreed budget parameters.

3.18 The appointee shall be expected to sit on such boards and committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including boards and committees of a clinical, selective, investigative or advisory nature.

3.19 The appointee shall be responsible for the preparation of an annual report on the workings of his/her clinical department.

3.20 Il-persuna maħtura tkun mistennija li tagħmel monitoraġġ, tirrevedi u ttejjeb l-*infection control management* fil-qasam tagħha.

3.21 Il-persuna maħtura tiżgura li l-Konsulenti kollha qed iwettqu b'mod adekwat ix-xogħol li huma mistennija li jagħmlu skont il-*job plans* tagħhom

3.22 Il-persuna nominata trid tkun responsabbli għad-dixxiplina u l-prattika fid-Dipartiment tad-Dentistrija u trid tagħti wkoll kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha.

3.23 Il-persuna maħtura tkun l-ixprun tat-titjib tal-effiċjenza u l-effettività fid-dipartiment tagħha f'termini ta' *performance* klinika u operattiva.

3.24 Il-persuna maħtura tkun mistennija li tattendi taħriġ maniġerjali obbligatorju minn żmien għal żmien skont il-gwida tal-Isptar.

3.25 Il-persuna maħtura tkun rikjesta taqdi dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

3.26 Il-persuna maħtura tkun rikjesta tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

3.20 The appointee shall be expected to monitor, review and improve infection control management in his/her area.

3.21 The appointee shall ensure that all Consultants are adequately executing the work they are expected to do based on their job plans.

3.22 The appointee shall be responsible for discipline and practice in the Department of Dentistry and shall also be accountable for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

3.23 The appointee shall be the driver for efficiency and effectiveness improvement of his/her department in terms of clinical and operational performance.

3.24 The appointee shall be expected to undergo mandatory managerial training from time to time as guided by the hospital.

3.25 The appointee will be required to carry out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.26 The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża.

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tad-Dentistrija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tad-Dentistrija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom *Certificate of Completion of Training* (CCT) maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li jindika li l-applikant temm it-taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għad-Dentistrija jew

